# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar IL-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 24**

**Citaz. Nru. 1463/00 GV**

Doc 266-02

**Oliver Agius**

**Vs**

**Mr. Philip Farrugia f'ismu propju u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Goliath Developments Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tagha l-attur ippremetta li skond id-dokument relattiv hawn anness u markat "Dok A" il-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm1,600) rapprezentanti ammont dovut lill-istess attur;

Premess illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddecidi l-kawza skond l-talba tal-attur;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm1,600).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

Illi preliminarjament, u dan kif jirrizulta mid-dokument esebit mill-istess attur, huwa, personalment, qatt ma talab jew ha xi flus b'self minghand l-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi, sekondarjament, u b'riserva ghat-talbiet rikonvenzjonali, l-ammont pretiz mill-attur ma hux dovut stante illi gie pacut ma' ammont superjuri dovut lis-socjeta' attrici per via di danni u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' l-istess kawza rikonvenzjonali.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il- kontro-talba tal-konvenuti a fol. 12 fejn ippremettew illi l-attur kien fl-impjieg tas-socjeta' konvenuta.

Premess illi kien huwa li jiddetta, jordna u jara li t-tmexxija tas-socjeta' konvenuta tkun wahda fluenti u amministrata bl-akbar attenzjoni u diligenza;

Premess illi huwa qatt ma talab xi permess sabiex, fil- hin tax-xoghol tieghu, huwa jaghmel xoghol iehor ma terzi

Premess illi fl-istess mument u waqt, l-attur kien qieghed jippresta s-servizzi tieghu taht l-isem kummercjali A&D Commercials bhala *sales manager* u dan kif jirrizulta mill-kopja ta' *letter head* hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A"

Premess illi fl-istess hin u waqt huwa kien qieghed wkoll jippresta s-servizzi tieghu lil organizazzjoni ohra u dan taht l-isem ta' Royal Impact u hawn wkoll bhala sales manager.

Premess illi, apparti l-fatt li din l-attivita kummercjali kienet qeghda ssir kollha a spejjez tas-socjeta' konvenuta, l-attur kien qieghed wkoll jaghmel uzu minn rizorsi tas-socjeta' konvenuta, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tat-talba rikonvenjonali.

Premess illi fil-hin li l-attur kien ikun fl-ufficju, minflok jiddedika l-hin lejn l-interess tas-socjeta' attrici, huwa kien jiddedikah lejn xoghol personali u altrui, u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Premess illi konsegwenza ta' dan l-agir irresponsabbli, nuqqas ta' esekuzzjoni ta' l-obbligu naxxenti mill-kuntratt ta' l-impjieg, tharis ta' l-interessi tas-socjeta' attrici kif kien dover, fost nuqqasijiet ohra, is-socjeta' attrici sofriet diversi danni u konsegwenzi naxxenti minn nuqqas ta' hlasijiet ta' kontijiet tat-telefon, nuqqas ta' pagamenti ta' ammonti dovuti lil kredituri, ferment bejn il-haddiema tant illi s-socjeta' konvenuta kienet sabet ruha f'diffikultajiet finanzjarji kbar.

Premess illi appena d-Diretturi ndunaw b'dak li kien qieghed verament jaghmel l-attur, huma ddecidew li jitterminaw l-impjieg tieghu.

Premess illi huma ma riedux illi r-relazzjoni mal-attur tispicca hazin u kien ghalhekk li tterminaw l-impjieg tieghu a bazi ta' nuqqas ta' xoghol.

Premess illi kemm ilu li l-attur halla l-posizzjoni tieghu minn mas-socjeta' konvenuta u t-tmexxija ghaddiet f'idejn ufficjali godda, s-socjeta' konvenuta reghet mxiet il-quddiem tant illi ma ghandha xejn mill-problemi li kienu tefghuha lura fi stat hazin illi kien fix-xifer ta' kollas

Premess illi n-nuqqasijiet da parti ta l-attur ikreaw danni lis-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta talbet lil din il-Qorti ;

1. Tiddikjara illi l-attur kiser il-kuntratt ta' mpjieg, misapproprja risorsi tas-socjeta' konvenuta, traskura d-doveri tieghu u kien responsabbli ghat-telf, nuqqas ta' qliegh u telf ta' reputazzjoni fix-xena kummercjali minhabba l-istess nuqqasijiet tieghu.

2. Tillikwida d-danni soferti mis-socjeta' konvenuta.

3. Tikkundanna lil-attur ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma hekk kikwidata in linea ta' danni u dan ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat in-nota ta l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro talba tal-konvenuti a fol. 20 fejn eccipixxa ;

1. Illi primarjament, l-attur ghalkemm kien fl-impjieg mas-socjeta' konvenuta, qatt ma kien ipprezentat b'xi kuntratt ta' impjieg u lanqas iffirma ftehim ta' kundizzjonijiet ta' mpieg jew xoghol.

2. Illi ghalkemm huwa qatt ma talab xi permess sabiex, wara l-hin tax-xoghol tieghu huwa jaghmel xoghol iehor ma terzi, id-diretturi u anke l-impjegati tas-socjeta' konvenuta kienu konsapevoli ta'

dan il-fatt stante li kemm il-darba d-diretturi stess xtraw oggetti minghand l-attur meta kien jghin lis-socjeta' Royal Impact.

3. Illi kif ser jinghand aktar il-quddiem fil-process, l-attur ma kienx jippresta s-servizzi tieghu waqt il-hin tax-xoghol, izda wara l-hin u dan kien jaghmlu biex jghin lill-kunjatu tieghu fil-kumpanija A&D Commercials u lil siehbu tar-Royal Impact f'xoghol li ma kienx *' in direct competition '* max-xoghol tas-socjeta' konvenuta.

4. Illi huwa jinnega bil-qawwa kollha illi l-ghajnuna li kien jaghti lill-kunjatu jew lill-siehbu kien jaghmilhom a spejjez tas-socjeta' konvenuta, ossia fil-hin tax-xoghol, jew li ghamel uzu minn rizorsi tal-istess socjeta'. Kif jigi ppruvat aktar il-quddiem kienet is-socjeta' konvenuta stess illi ghamlet uzu mill-format ta' *letter heads* li l-attur ippresta lis-socjeta' sabiex jintuzaw ghall-skopijiet unikament taghha.

5. Illi huwa jinnega bil-qawwa kollha illi l-agir tieghu kellu xi mpatt fuq il-fatt illi s-socjeta' konvenuta tinsab f'diffikultajiet kbar u illi fil-fatt kien izomm jiddesisti ossia jdum milli jhallas kontijiet tat-telefon jew nuqqas ta' pagamenti ta' ammonti dovuti lill-kredituri minhabba l-fatt illi c-*cheques* mahrugin minnu kemm il-darba kienu jeccedu il-limiti tal-kont, sahansitra illi darba minnhom kien rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi stess illi nforma lill-istess attur illi c-*cheque* lilhom mibghut ma setghax jigi onorat stante nuqqas ta' flus fil-kont bankarju.

6. Illi s-somma mislufa mill-attur kienu appuntu sabiex il-kumpanija tkun tista' thallas il-paga tal-haddiema taghha.

7. Illi l-unika raguni pretiza lill-attur mis-socjeta' konvenuta kien illi t-terminazzjoni tal-impjieg kien a bazi ta' nuqqas ta' xoghol.

8. Illi m'huwiex veru illi meta x-xoghol tieghu gie terminat mill-kumpanija konvenuta, il-kumpanija mxiet aktar il-quddiem. Fil-fatt il-post li kien jokkupa l-attur gie mimli minn tlett persuni li huma l-mara tad-Direttur Philip Farrugia, certu Romina Libreri u Kenneth Bonnici, li ghamel xi zmien jitghallem minghand l-istess attur.

9. Illi jirrizulta lill-attur illi l-pozizzjoni tas-socjeta' in kwantu problemi finanzjarji ma gewx solvuti bit-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-attur, kif jistghu jixdhu diversi haddiema stess.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, jidher li ghandhom ragun billi skond l-istess skrittura ezibita a fol 5 il-flus gew mislufa lill Goliath Developments Ltd (ara *letter head* taghhom); iffirma d-direttur Philip Farrugia, u skond l-attur il-flus gew mislufa biex jithallsu l-haddiema.

Fil-mertu jirrizulta li b'dina l-istess skrittura l-konvenuti rrikonoxxew li huma ghandhom jaghtu lill-attur is-somma ta' Lm1,600 u attwalment kienu diga hallsuh Lm1,400 ohra qabel mill flus li kien silifhom.

Il-konvenuti qed jecepixxu li l-ammont pretiz mill-attur ma hux dovut stante illi gie pacut ma' ammont superjuri dovut lis-socjeta' konvenuta per via di danni.

Illi tpacija ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha '*ipso jure*' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi.

Fil-kaz in ezami d-danni pretizi mill-konvenuti huma kontestati mill-attur. Il-konvenuti kienu pprezentaw kontrotalba ghal-danni li giet kontestata mill-attur. Hu qed ighid li x-xoghol li semmew l-konvenuti, hu kien jaghmlu wara l-hin tax-xoghol, u dana ma sarx a spejjez tal-konvenuti. Id-diffikultajiet finanzjarji tas-socjeta' konvenuta ma kienux tort tieghu, anzi hu kien silifhom il-flus in kwistjoni biex huma jkunu jistghu jhallsu lill haddiema taghhom. Il-konvenuti kienu jafu li hu kien qed jaghmel dak ix-xoghol *extra* u qatt ma qalulu xejn anzi kienu jixtru minghandu u jinqdew bis-servizzi tieghu.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenuti bl-ebda mod ma rnexxilhom jipprovaw l-kontrotalba taghhom. Apparti li ma gabux prova li sofrew xi danni u kemm, lanqas ma ppruvaw li l-attur kien qed jaghmel xi haga kontra l-interessi taghhom. Anzi huma kienu jafu x'qed jaghmel l-attur u anke talbu s-servizzi tieghu f'dan ir-rigward. Il-konvenut anke kellu *letterheads* tad-ditta l-ohra mal-karti tieghu.

Dwar uzu ta' petrol li semmew il-konvenuti, l-attur kellu *allowance* fuq petrol bhal l-impjegati l-ohra u meta kien jiehu l-petrol kien jiffirma ghalih u kien juzah ghal skopijiet tal-kumpanija konvenuta.

Il-konvenuti kienu jafu li l-attur kien qed jaghmel dana x-xoghol, u ma waqqfuhx, (billi ma kien qed jaghmel xejn hazin) u meta spicca minn

maghhom, kitbulu li ghandhom jaghtuh is-somma ta’ Lm1,600 li kien silifhom u ma semmew xejn dwar danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi:

billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenut Philip Farrugia personalment mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall-attur;

tichad l-eccezzjonijiet l-ohra u l-kontrotalba tal-konvenuti spejjez ghall konvenuti;

tilqa’ t-talba ta’ l-attur kif dedotta;

bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**